**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU TNAX**

**14ta' Mejju, 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-18:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, is-Sur Jeremy Coleiro u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**
-

**ASSENTI**
-
**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **12.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 12.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **12.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 12.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħdax -il seduta.<br><br>Fuq punt 11.4.3 il-Viċi Sindku qal li fil-kunsill ma intqalx li 'l-*Kunsill m'għandux iħallas għal dak li qed jiġi allegat li insteraq.'* Hu żied jgħid li din il-persuna għandha tiġi imħallsa l-ammont ta' 1,500E għal 6 biċċiet pittura li ġew nieqsa. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill jista' jisma r-recording tal-laqgħa, biex jikkonferma x'intqal.<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici, qal li l-Kunsill għandu jgħid lill-pulizija biex tinvestiga.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li min mar l-għassa kellu jgħid lill-pulizija li għandha tinvestiga u mhux isir rapport għal fini ta' referenza biss, kif sar, mill-Viċi Sindku u l-persuna li pittret il-pitturi.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet magħrfa li waħda mill-pitturi għadha fil-Mitħna u ma ittiħdidtx mill-persuna li esebiet. Is-Sindku infurmat li diversi drabi wissiet lill-esebittriċi biex tiġbor ix-xogħol tagħha.<br><br>Kien hemm qbil li l-każ għandu jingħalaq. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob linja gwida lill-awditur/DLG fuq dan il-każ. |
| | | |
| 12.2.2 | | Fuq punt 11.4.3, l-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill ta l-permess tax-xogħlijiet li qed isiru fi Vjal il-Blue Grotto. Hu staqsa jekk kienx hemm għalfejn li r-roundabout ta' Vjal il-Blue Grotto, titħaffer minn żewġ partijiet. Hu qal li din mhix triq, imma embellishment fid-daħla taż-Żurrieq.<br>Is-Sindku qalet li mill-informazzjoni li kellha mil-Awtoritajiet, ġiet magħrfa li x-xogħol hekk kien meħtieġ li jsir, minħabba li hemm xi tappieri fir-roundoubout. |
| | | |
| 12.2.3 | | Fuq punt 11.4.4, il-Kunsillier Dino Bonnici, qal li jeħtieġ li tali avviż jitla fuq il-fb ta' sikwiet. |
| | | |
| 12.2.4 | | F'dan il-punt il-Kunsillier Kyle Mifsud ressaq għall-approvzzzjoni tal-kunsill biex jiġi mitkellem l-item PC/00068/22 f'dan il-waqt. Preżenti jaraw is-seduta kien hemm diversi residenti mill-akwata tal-Bebbux, imma ma setgħux jitkellmu, minħabba li l-Kunsill ma kienx magħrraf minn qabel bihom.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qrat email li l-Kunsill Lokali irċieva mingħand grupp ta' residenti żrieraq. **Dok 1 mehmuż**<br><br>Il-Kunsill Kyle Mifsud, qal li m'għandu xejn iżjed x'jingħad aktar minn dak li hemm fl-email.<br>Is-Sindku qalet li jekk il-Gvern jgħaddi l-art tal-Bebbux lill-Kunsill, il-Kunsill għandu jħalliha kif ini bħalissa u ma jiżviluppahiex.<br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li fl-aħħar laqgħa li l-Kunsill kellu mall-Ministru Dr Stephan Zrinzo Azzopardi, kien intqal li l-art tista tingħata biss għal żvilupp fuq proġett tal- komunita. Din tista issir dar għall-anzjani. Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li l-Ministru qal, li kellu jikkonsulta mal-Kunsill qabel isir xi proġett mill-gvern, imma s'issa il-konsultazzjoni għadha ma saritx u l-kunsill għandu jibqa jinsisti li ma jsir xejn fuq art agrikola.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-kunsill oġġezzjona għal din il-PC, għal darbs, darbtejn. Għalhekk, ġaladarba l-kunsill għandu bażi soda u b'saħħitha, issa l-Kunsill għandu jmur pass oltre u jitlob lill-Awtorita tal-Artijiet sabiex l-art tal-Gvern tinqala 'l barrra mill-applikazzjoni u tagħti kunsens biss, fuq l-art tal-privat. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Dan biex tal-inqas l-art li hi tal-Gvern, b'rispett lejn il-gabillotti Żrieraq specjalment, il-Kunsill jitlob lill-Awtorita biex l-art li hi tal-Gvern tinqala 'l barra mill-applikazzjoni u jisma l-karba ġenwina tan-nies.<br><br>Il-Kunisllier Daniel Muscat kien qal li waqt il-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Ministru ikkonċernat, kien qal ċar li dak li għandu bżonn il-Kunsill(il-poplu) illum, mhux bil-fors li ser ikun dak li jkollu bżonn snin aktar 'l quddiem.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li l-Kunsill għandu joġġezzjona fuq kull art agrikola u mhux fuq l-art tal-Gvern biss. Hi qalet li art agrikola għandha tibqa agrikola, kemm jekk hi tal-Gvern u kemm jekk tal-privat.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici, qal li ilum il-Kunsill għad għandu ċ-ċans li jagħmel il-pass li qed jigi issuġġerit u l-kunsill għandu juża lill-konsulent biex iżid ma dak li diġa għamel.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa jagħmel laqgħa mal-Ministru li hu ukoll Ministru tad-distrett taż-Żurrieq u jitressaqlu dan li qed jintqal.<br><br>Is-Sindku qalet li l-kunsill għandu jibqa jinsisti li l-art jekk tingħata lill-kunsill, il-kunsill kien ser iħalliha kif inhi. Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li l-idejali hi li l-art tingħata lil-kunsill lokali.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato, qalet li l-Gvern b'obbligu, għandu jikkonsulta mal-kunsill u żiedet tgħid li l-gvern m'għandux pjan li jizviluppha għalissa.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud staqsa li jekk l-Gvern m'għandux bżonn li jsir żvilupp għall-komunita, fuq din l-art, għalfejn irid li tinfetaħ triq fiha? Jekk mhux ser ikun hemm żvilupp m'hemmx użu li tinfetaħ triq minn art agrikola.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici baqa' jinsisti li l-Kunsill Lokali, jitlob biex l-art li hi tal-Gvern tinħareġ 'l barra mill-applikazzjoni PC/00068/22 .<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia, qal li hu kontra li jsir żvilupp fuq kull art agrikola, imma ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jibqa fuq l-oġġezzjonijiet li diġa għamel.<br><br>Is-Sindku Rita Grima talbet vot fuq jekk il-Kunsill jaqbilx ma dak li qed jipproponi l-Kunsillier Kyle Mifsud, li l-Kunsill għandu jitlob lill-Gvern biex l-art tal-Gvern li hemm fil-PC 00068/22 tinħareġ 'l barra mill-applikazzjoni.<br>Kienu l-Kunsilliera Kyle Mifsud, Dino Bonnici u Marylin Sammut li qablu mal-proposta, filwaqt li s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Jeremy Coleiro, Marisa D'Amato, Daniel Muscat u Kenneth Farrugia qablu li l-Kunsill għandu jibqa mal-pożizzjoni li diġa ħa u ma jżidx oġġezzjonijiet.<br><br>F'dan il-ħin ħareġ mis-seduta il-Kunsillier Kyle Mifsud ( 18:45) |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***12.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 12.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima tkellmet fuq:<br>• Il-kumitat li kien maħtur biex jagħżel iċ-ċittadin ewlieni iltaqa. Kien hemm 13 -il persuna li ġiet nominati. Ir-riżultat ġie ssiġillat f'envelope u ser jinfetaħ dak inhar tal-okkażjoni bħal ma sar qabel.<br>• Tkellmet fuq il-Laqgħa tal-Paċi IMPC, li saret f'Malta u li organizza l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. Hi qalet li barra l-laqgħa, tħejja tour fejn dawk preżenti, ittieħdu - Il-Mitħna tax-Xarolla, Wied iż-Żurrieq, Ħaġar Qim, il-Belt u l-Imdina. It-tliet t'ijiem li għaddew f'Malta kienu suċċess u l-kunsill kellu kliem ta' tifħir. F'dan il-punt il-Viċi Sindku qal li hu ukoll mar jiekol f'waħda mill-ikliet li ġew imħejjija għar-rappreżenanti tal-IMPC u tkellem fuq il-ġemellaġġ li l-Kunsill għandu ma' Morphou, peress li kien hemm is-Sindku ta' Morphhou preżenti. Hu qal li ġaladarba ġemellaġġi oħra mhux qed jiffunzjonaw, għandha terġa issir komunikazzjoni oħra biex jiġu imsaħħa. Dan ser jerġa jipprova jagħmlu hu ukoll peress li hu inkarigat mill-ġemellaġġi. Dan għandu jsir, aħjar milli jinbeda ġemellaġġ ġdid. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li m'għandux ikun hemm ġemellaġġ maċ-Cina, kif kien ipproponut mid-DLG jekk dawk li għandu l-Kunsill bħalissa mhux qed jiffunzjonaw. Kien għal dan il-punt li hu talab li minflok ġemellaġġ maċ-Ċina, jkun hemm sħubija biex ikun utli għal xi studenti jew għaqda sportiva b'każ ta' kambju edukattiv/sportiv.<br>• Il-Viċi Sindku qal li waqt l-attivita tal-IMPC hu ħa jieħol miegħu lill-partner, u s-Segretarju Eżekuttiv, naqqset il-ħlas ta' 30E tal-ikla tal-partner, mill-allowance li jieħu fix-xahar. Hu qal li ma jaqbilx fuq dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-persuna, m'għandix x'taqsam mal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, jew mal-laqgħa tal-IMPC, u ma kienetx mistiedna mill-Kunsill biex tattendi, barra li parti mill-fondi ta' din il-laqgħa, l-Kunsill kien applika għalihom mil-fondi tal-kultura li joħroġ id-DLG. Meta s-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsill kollu, min xtaq jattendi għal-laqgħa ma rappreżentanti tal-IMPC, kunsillier wieħed biss aċċetta l-istedina u xorta ma attendix. Ma kienx hemm oġġezzjoni fuq dak li għamlet is-Segretarju Eżekuttiv.<br>• Saret laqgħa mas-sidien ta' għelieqi fil-Qortin, fejn kienu preżenti il-periti minn WSC fejn spjegaw x'ser isir fil-qortin minħabba n-new water. Dawn ser jerġgħu jaqilgħu t-triq. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill għandu jkollu kumpens ta' dawn it-toroq li qed jerġgħu jinqalgħu wara ftit snin. Is-Sindku f'dan il-punt qalet li meta kellha laqgħa mal-WSC fuq it-tqattieħ ta' tarmak li sar wara ftit xhur fi Triq Karmnu Zammit, għalhekk kien hemm qbil li jagħmlu reinstatment ta' parti mit-triq u l-fondi tal-kumplament tat-triq jagħtuh uċugħ ta' sqaqin fiż-Żurrieq, bihom. Kien hemm qbil li din tingħata bil-miktub minn WSC.<br>• Ser tieħu lill-anzjani Ir-Rabat, fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Din ma saritx fil-ġurnata propja, minħabba li fiż-Żurrieq ġew organizzati diversi ħarġiet mill-għaqdiet tar-raħal. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Grupp ta' ċiniżi ġejjin fil-Ġnien il-Ġibjun, is-Sibt 24 ta' Mejju fis-19:00, biex jagħmlu wirja ta' żfin. |
| | | |
| | | |
| ***12.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 12.4.1 | | Il-Vici Sindku Ignatius Farrugia qal li:<br>• hemm bżonn refresh ta' żebgħa fi Triq Matteolo Saliba (fejn gate kbira).<br>• Fi Vjal l-Indipendenza kienet saret bankina ġdida. Minn mindu saret qed jaqgħa l-ilma fid-drive in ta' residenta li qabel ma kienx isir. |
| | | |
| 12.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• Triq San Martin fejn taqgħad ma' Triq Matteolo Saliba għandha ssir it-tabella tal-vleġeġ tal-prijorita, biex iċedu. L-aħjar li dawk li ġejjin minn Triq Matteolo Saliba għandhom iċedu lil dawk li ġejjin minn Vjal l-Indipendenza.<br>• Il-Kunsill kien kellem lill-Grupp ta' Baldacchino, li għandu l-Garden of eden, biex jerġgħu jirritorna l-art (tal-parkeġġ) lura għall-istat li kienet u li issa snin wara, kollox għadu kif kien u żdieded gate. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra fuq dan il-każ, permezz tal-konsulent tal-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jintbagħtu tfakkiriet lill-PA u ERA fuq dan il-każ, għax għalkemm kien hemm Enforcement notice, ma sar xejn u dan il-każ baqgħa fuq l-ixkaffa.<br>• Talba għal *communial parking* fi Triq Dun Nard Mallia għax hemm persuna b'diżabilta. Is-Sindku qalet li tkellmet mal-persuna li qed titlob dan il-parkeġġ u ssuġerietilha li titlob permess għall-parkeġġ komuni għal-persuni b'diżabilta fi Triq San Martin, fejn hemm akwata ta' parkeġġi, imma din il-persuna riditha quddiem ir-residenza tagħha, fi Triq Dun Nard Mallia, għalkemm id-dipartiment tal-persuni b'diżabilta, ma tax permess għal dan il-każ.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal parkeġġ komuni tal-persuni b'diżabilita fi l-parkeġġ ta' Triq San Martin.<br>• Biex jinqata il-ħaxix fejn tal-Ħlantun. Is-Sindku qalet li dan qed jinqata' mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi.<br>• Bżonn ta' refresh tas-sleeping policeman li hemm fi Triq Wied Babu. |
| | | |
| 12.4.3 | | Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li fi Triq Wied Ganu hemm arblu tal-injam li jinsab fil-periklu li jaqgħa. Kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet. |
| | | |
| 12.4.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li:<br>• fi Vjal l-Indipendenza hemm bżonn li jnqata l-ħaxix. (faċċata tal-ħanut tal-ironmongery)<br>• Xi persuna neħħiet linji sofor fil-viċinanzi ta' Triq il-karmnu. Is-Sindku qalet li tkellmet mal-Pulizija u illum reġgħa għamilhom mill-ġdid. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq l-barumbara ta' Triq Bronja. Is-Sindku qalet li hi personali tkellmet mal-Ministru kkonċernat u s-sidien tal-barumbara qedgħin f'taħdidiet miegħu. Il-Kunsillier Marisa D'Amato, qalet li għandu jkun hemm enforcement tal-pulizija, għax is-sid għandu l-obbligu li jħalli s-sit sigur u ma jħalliħx jaqa'. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li kienet ser titkellem mal-Profs Mangion, biex jara fl-arkivji li jinġibu provi li l-barumbara, kien iservi bħala torri tad-dejma. Hi żiedet tgħid li dak hu ta' periklu pubbliku, l-Kunsill irid jisforza lill-pulizija biex jieħdu ħsieb. Fi Triq l-Imqabba qabel iddur għal Triq tal-Kmand hemm ukoll ħajt perikoluż, li jeħtieġ li jkun irrappurtat.<br>• Id-dawl ta' Misraħ Repubblika jinsab baxx ħafna, jeħtieġ li jitqawwa id-dawl tiegħu.<br>• Il-permessi li qed jitwaħħlu mal-arbli ta' Triq P P Saydon għandhom jitneħħew wara li jibqgħux validi u titneħħa ukoll l-kolla tagħhom.<br>• L-ewwel arblu bil-bozoz ta' Triq Dun Guzepp Zammit jinsab imsaddad u jeħtieġ li l-Kunsill jagħmel xi ħaġa dwaru.<br>• Biex jinżabar il-palm ta' Vjal il-Blue Grotto.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta (19:20) |
| | | |
| 12.4.3 | | Il-Kunsillier Marylyn Sammut qalet:<br>• Triq Dun Nard Mallia – jeħtieġ li tintbgħat ittra minħabba l-iskart li qed jinħareġ f'ħinijiet mhux skont il-liġi.<br>• Triq Fortunato Dalli hemm siġra privata li qed toħroġ fit-triq.<br>• Sqaq Ballott qalbu xi ħitan tas-sejjieħ waqt li kienu qed jaħdmu fuq xogħol ta' trinek u ta' persuna minnhom ma reġgħu tellgħuh. |
| | | |
| ***12.5*** | | ***PC68/22*** |
| | | |
| 12.5.1 | | Dan il-Punt tqajjem aktar kmieni f'din is-seduta. |
| | | |
| ***12.6*** | | ***Is-Suq fil-Beraħ (Monti)*** |
| | | |
| 12.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill kellu laqgħa mas-Sur Mario Fava – President tal-AKL. Għal din il-laqgħa kienu preżenti flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv – s-Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Marisa D'Amato u Dino Bonnici, flimkien ma wieħed mir-residenti affettwati mill-Monti li joqgħod fi Vjal il-Blue Grotto.<br>Is-Sur Mario Fava ser ikun il-medjatur biex il-Monti taż-Żurrieq jiċċaqlaq minn postu u s-suġġeriment kien li kull nhar ta' Ħamis tingħalaq parti minn Vjal Il-Blue Grotto (minn Triq Dun Gużepp Zammit sa Triq il-Qrendi) sabiex it-tilari jkunu fit-triq prinċipali u mhux fis-service road, b'hekk ma jkunux ta' inkonvenjent lejn ir-residenti. Kien hemm qbil fuq dan u li l-monti jiġi regolarizzat. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa ukoll Vjal ix-Xarolla – tingħalaq u l-vetturi jgħaddu mis-service road. Hu żied jgħid li jekk il-Kunsill ser jaqbel fuq Vjal il-Blue Grotto jkun hemm bżonn li jsir Traffic management fit-toroq tal-bebbux biex meta jkun hemm il-monti ma jintlaqtux ħafna mit-traffiku.<br><br>Is-Sindku qalet li kellha komunikazzjoni mas-Sur Mario Fava, qabel is-seduta, fejn infurmha li għadu mingħajr risposta mill-awtoritajiet ikkonċernati. |
| | | |
| | | |
| ***12.7*** | | ***MK67/02/2024 – Works Tender for the Embellishment of Misraħ il-Karmelitani, Iż-Żurrieq.*** |
| | | |
| 12.7.1 | | Il-proċess tal-għażla ta' din it-tender ġie magħluq u intagħżel l-offerent li kien l-orħos u eliġibbli - Derek Garden Centre.<br><br>Offerenti kien hemm Derek Garden Centre, Core Works Ltd u The A Parks Ltd.<br>Coreworks Ltd - 473,861.26E<br>Derek Garden Centre – 374,437.10E<br>The A Parks Ltd – 375,034.56E<br><br>**Dok 2 mehmuż.**<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***12.8*** | | ***Gabbani tal-Festi*** |
| | | |
| 12.8.1 | | Kien hemm qbil li l-Kunsill jimxi skont kif dejjem mexa, li dawk il-posti vojta, ma jiġux mimlija minn bejjiegħa ġodda u l-posta tibqa vojta. |
| | | |
| | | |
| ***12.9*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***12.10*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 12.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• Inbeda xogħol ta' tindif ta' shelter fi Triq il-Kbira (viċin Triq iċ-Ċombini), instab cable tal-Enemalta u katusi tal-WSC li qed itellef id-dħul fix-shelter. Qed naħdmu biex dawn l-ostakli jitneħħew. Dan kollu qed isir bl-għajnuna tas-Sur Conrad Neil Gatt li b'apparat apposta (gass detector)<br><br>• Il-Kunsill qed jiġi mitlub biex jinstalla Speed cameras fi Vjal il-Blue Grotto u fi Triq il-Belt Valletta. Kien hemm qbil lki jibda l-proċess għal 3 cameras – waħda fi Vjal il-Blue Grotto bejn Triq il-Qrendi u Triq il-Kanġu, waħda fi Triq il-Belt Valletta bejn il-pompa tal-petrol u l-gym u oħra fi Vjal ix-Xarolla bejn il-crossings. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Ser jinbidlu r-reċipjenti taż-żejt użat minn plastik għal stainless steel. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Nhar it-Tlieta 20 ta' Mejju, fil 17:00 ser ikun hawn laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill, mar-residenti ta' Misraħ Santa Marija u l-isqaq ta' ġol-misraħ, fejn ser jerġa jkun hawn preżenti l-perit ta' IM, biex tispjega l-arranġamenti li saru wara li kien hemm l-ewwel laqgħa. L-ittra intbagħtet bil-posta lir-residenti tal-Misraħ u tal-isqaq.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Muscat ħareġ mis-seduta 19:45) |
| | | |
| ***12.11 .2*** | | ***Management Letter mibgħuta mill-awdituri u r-risposta tal-Kunsill Lokali għaliha*** |
| | | |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-management letter tal-awdituri u r-risposta li ħejjiet flimkien mal-accountant. Dawn ġew approvati biex jintbagħtu. **Dok 3 mehmuż** | |
| | | |
| | | |
| ***12.12*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 12.12 .1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 47. |
| | | |
| ***12.13*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 12.13 .1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' €50,808.50<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Dino Bonnici u Marylyn Sammut. |
| | | |
| ***12.14*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 12.14 .1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:10. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 4 ta' Ġunju, 2025, fis-6:00 filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' ĠUNJU, 2025

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**